TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 92/11

**Clint Bonnici**

**vs**

**MRCD Ltd.**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' erba' mija, u ħamsa u tletin ewro (€435), rappreżentanti prezz ta' sink tal-ħġieġ illi wara li ntuża dana xxaqqaq.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi kienu xtraw sink tal-ħġieġ u wara li ġie nstallat u beda jużah, dana xxaqqaq.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi fl-ewwel lok l-ammont ta' erba' mija, u ħamsa u tletin ewro (€435) huwa magħmul minn diversi affarijiet, fosthom il-prezz tas-sink, kif ukoll il-prezz ta' l-aċċessorji u li s-sink fil-fatt jiswa mitejn u tmienja u sittin ewro, u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€268.21), u li peress li huwa tal-ħġieġ, is-sink ma jistax jiġi espost għal estremitajiet ta' sħana u ta' kesħa.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-sink għandu jintuża sabiex wieħed jinħasel fih u bilfors irid ikun hemm is-sħun u l-kiesaħ u għalhekk ma jistax ikun illi ma tużax l-ilma sħun u l-ilma kiesaħ ġo fih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn u tmienja u sittin ewro, u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€268.21), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888